

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/772

tas-16 ta' Mejju 2019

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1300/2014 fir-rigward tal-inventarju tal-assi bil-ħsieb li jiġu identifikati l-ostakli għall-aċċessibbiltà, jingħata tagħrif lill-utenti u jiġi monitorjat u evalwat il-progress fil-qasam tal-aċċessibbiltà

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(11) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 ⁽²⁾, il-Kapitolu 7 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1300/2014 għandu jiġi emendat biex jiġu speċifikati l-karatteristiċi tal-inventarju tal-assi, inkluż il-kontenut, il-format tad-*data*, l-arkitettura funzjonali u teknika, il-mod operattiv, ir-regoli għall-input u l-konsultazzjoni tad-*data*, u r-regoli għall-awtovalutazzjoni u għall-ħatra tal-entitajiet responsabbli għall-provvediment tad-*data*.
- (2) Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1300/2014, ġie stabbilit grupp ta' ħidma biex jagħmel proposta għal rakkomandazzjoni dwar l-istruttura u l-kontenut minimu tad-*data* li trid tinġabar għall-inventarju tal-assi bil-ħsieb li jiġu identifikati l-ostakli għall-aċċessibbiltà, jingħata tagħrif lill-utenti u jiġi monitorjat u evalwat il-progress fil-qasam tal-aċċessibbiltà. Dak il-grupp ta' ħidma lesta ħidmitu f'Mejju 2017, u minħabba f'hekk, l-Aġenzija ffinalizzat ir-rakkomandazzjoni ERA-REC-128 biex jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 1300/2014.
- (3) L-Inventarju tal-Assi hu għodda statika li tindika l-eżistenza tat-tagħmir u għalhekk mhix maħsuba biex tipprovdi informazzjoni dwar l-istatus u l-funzjonament tat-tagħmir.
- (4) Meta stazzjon jew elementi tiegħu jsirilhom aġġornament, tiġdid jew xi xogħol previst minn pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali b'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1300/2014, jenħtieġ tinġabar l-informazzjoni dwar il-konformità ta' dak ix-xogħol mar-Regolament (UE) Nru 1300/2014 tal-istazzjon, jew tal-elementi tiegħu.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/797.

⁽¹⁾ ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mal-aċċessibbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 110).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Wara l-Artikolu 7 jiddaħħal dan l-Artikolu 7a li ġej:

“Artikolu 7a

Il-ġbir, iż-żamma u l-iskambju ta' data tal-aċċessibbiltà

1. Fi żmien disa' xhur wara s-16 ta' Ġunju 2019, kull Stat Membru għandu jiddeċiedi liema entitajiet huma responsabbli għall-ġbir, iż-żamma u l-iskambju tad-*data* tal-aċċessibbiltà.

2. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni għal estensjoni tal-limitu taż-żmien. Din l-estensjoni għandha tkun eċċezzjonali, ġustifikata u limitata fiż-żmien. B'mod partikolari, din titqies ġustifikata jekk l-għodda tal-ġbir tad-*data* u l-modi moperattivi stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma jsirux disponibbli u operazzjonali għalkollox mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji fi żmien xahrejn mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

3. Għal kull stazzjon, għandu jkun hemm entità responsabbli għall-iskambju tad-*data* tal-aċċessibbiltà.

4. Il-ġbir u l-konverżjoni tad-*data* għandhom jiġu ffinalizzati fi żmien 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5. Sakemm l-arkitettura għall-iskambju tad-*data* deskritta fit-taqsimiet 7.2, 7.3 u 7.4 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 (*) tkun operattiva għalkollox, l-iskambju tad-*data* tal-aċċessibbiltà għandu jikkonsisti minn trasferiment ta' dik id-*data* lejn il-Bażi tad-*Data* tal-Aċċessibbiltà tal-Istazzjonijiet tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (ERSAD) ospitata mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema 'applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri' tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11).”

(2) L-Anness qed jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1300/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.3, jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-ewwel sentenza:

“*Data tal-aċċessibbiltà*

Id-*data* tal-aċċessibbiltà tikkonsisti mill-informazzjoni relatata mal-aċċessibbiltà tal-istazzjonijiet ferrovjarji tal-passiġġieri li jeħtieġ tinġabar, tinżamm u tiġi skambjata, jiġifieri, li tagħti deskrizzjoni tal-karatteristiċi u tat-tagħmir tal-istazzjonijiet ferrovjarji tal-passiġġieri. Meta rilevanti, din id-deskrizzjoni tiġi kkumplementata bl-informazzjoni rigward l-istat ta’ konformità tal-istazzjonijiet ma’ din it-TSI.”

(2) Fil-Kapitolu 7, it-Taqsima 7.2, is-Subtaqsima 7.2.1, jiddaħħlu dawn is-subtaqsimiet li ġejjin:

“7.2.1.1. Inventarju tal-assi — infrastruttura

7.2.1.1.1. L-arkitettura funzjonali u teknika

Il-funzjonijiet tal-inventarju tal-assi huma li:

- (1) jidentifika l-ostakli eżistenti u x-xkiel għall-aċċessibbiltà;
- (2) jagħti informazzjoni Prattika lill-utenti;
- (3) jimmonitorja u jevalwa l-progress fil-qasam tal-aċċessibbiltà.

L-arkitettura għall-iskambju tad-*data* tal-aċċessibbiltà hija prevista fir-Regolament (UE) Nru 454/2011 (TSI tat-TAP).

L-istandards li ġejjin għandhom japplikaw għall-format u l-iskambju tad-*data* tal-aċċessibbiltà:

- (1) CEN/TS 16614-1:2014 Public transport — Network and Timetable Exchange (NeTEx) — Part 1: Public transport network topology exchange format 2014-05-14
- (2) EN 12896-1:2016 Public transport. Mudell tad-*data* ta’ referenza. Kunċetti komuni (Transmudell)

Għall-użu partikolari maħsub, profil transmudell speċifiku armonizzat kif previst fid-dokumenti tekniċi msemmija għall-Appendiċi O, l-Indiċi 1.

7.2.1.1.2. Regoli għall-input u l-awtovalutazzjoni tad-*data* tal-aċċessibbiltà

Ir-regoli għall-input u l-awtovalutazzjoni tad-*data* tal-aċċessibbiltà għandhom ikunu kif ġej:

- (1) entitajiet li jiġbru d-*data* tal-aċċessibbiltà relattiva għall-assi ma għandhomx għalfejn ikunu indipendenti mill-ġestjoni ta’ kuljum ta’ dawk l-assi;
- (2) waqt l-ewwel ġbir tad-d-*data* tal-aċċessibbiltà skont id-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/772 (*), l-istat ta’ konformità tal-istazzjonijiet ma’ din it-TSI jista’ jiġi rreġistrat fl-inventarju bħala mhux ivvalutat;
- (3) meta stazzjon jew elementi tiegħu jsirilhom aġġornament, tiġdid jew xi tip ta’ xogħol previst minn pjan ta’ implimentazzjoni nazzjonali għal din it-TSI, għandha tiġi aġġornata d-*data* tal-aċċessibbiltà korrispondenti, inkluż l-istat ta’ konformità ta’ din it-TSI, meta rilevanti;
- (4) l-istat ta’ konformità ta’ din it-TSI jista’ jiġi aġġornat abbażi ta’ ISV kif deskritt fil-punt 6.2.4. ta’ din it-TSI;
- (5) il-kundizzjoni operattiva ma hemmx għalfejn tiġi rreġistrata fl-inventarju.

L-għodda għall-ġbir tad-*data*, li l-modi operattivi tagħha huma deskritti fid-dokumenti tekniċi msemmija fl-Appendiċi O, l-Indiċi 2, għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni.

Inkella, meta tkun teżisti *data* strutturata tal-aċċessibbiltà u tkun tista' tiġi konvertita għal profil armonizzat, dik id-*data* tista' tiġi trasferita wara l-konverżjoni. Il-metodoloġija għall-konverżjoni tad-*data* tal-aċċessibbiltà eżistenti u l-protokoll ta' komunikazzjoni huma previsti fid-dokumenti tekniċi msemmija fl-Appendiċi O, l-indiċi 3.

7.2.1.1.3. Regoli għall-konsultazzjoni

Mill-ERSAD:

- (1) il-pubbliku għandu jkun jista' jaċċessa l-informazzjoni minn sit web pubbliku ospitat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji;
- (2) l-awtoritajiet nazzjonali rreġistrati għandhom ikunu jistgħu jiġbru d-*data* tal-aċċessibbiltà kollha li tkun rilevanti għall-Istat Membru;
- (3) il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom ikunu jistgħu jiksbu d-*data* tal-aċċessibbiltà kollha.

Il-bażi tad-*data* tal-ERSAD ospitata mill-Aġenzija ma għandhiex tkun konnessa ma' bażi(jiet) tad-*data* oħra.

7.2.1.1.4. Regoli għall-ġestjoni ta' rispons tal-utenti

Ir-rispons tal-utenti jista' jkollu l-għamla ta':

- (1) rispons istituzzjonali mingħand l-assoċjazzjonijiet tal-utenti, inkluż l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà: jistgħu jintużaw l-istrutturi eżistenti diment li dawn ikunu jinkludu rappreżentanti minn organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa u jkunu jirriflettu s-sitwazzjoni fl-ivell xieraq, mhux bilfors fil-livell nazzjonali. Il-proċedura li tagħti r-rispons tal-utenti għandha tkun organizzata b'mod li daww l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jieħdu sehem b'mod ugwali;
- (2) rispons individwali: il-viżitaturi tas-sit web għandhom ikunu jistgħu jirrappurtaw informazzjoni żbaljata dwar id-*data* tal-aċċessibbiltà b'rabta ma' stazzjon partikolari u jiġu mgħarrfa li l-kumment tagħhom ikun wasal.

Fiż-żewġ sitwazzjonijiet, ir-rispons tal-utenti għandu jitqies kif xieraq mill-entità(jiet) responsabbli għall-ġbir, iż-żamma u l-iskambju tad-*data*.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/772 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1300/2014 fir-rigward tal-inventarju tal-assi bil-ħsieb li jiġu identifikati l-ostakli għall-aċċessibbiltà, jingħata tagħrif lill-utenti u jiġi monitorjat u evalwat il-progress fil-qasam tal-aċċessibbiltà (ĠU L 139 I, 27.5.2019, p. 1)."

- (3) Jiżdied dan l-Appendiċi li ġej:

“Appendiċi O

Lista ta' dokumenti tekniċi

Nru tal-Indiċi	Tikketta
1	Il-profil speċifiku armonizzat għall-iskambju tan-Netwerk u tal-Iskedi (NeTEx) użat għad-deskrizzjoni tal-istazzjonijiet.
2	Il-modi operattivi tal-għodda għall-ġbir tad- <i>data</i>
3	Il-metodoloġija għall-konverżjoni tad- <i>data</i> tal-aċċessibbiltà eżistenti, inkluż deskrizzjoni tal-interfaċċja esterna u tal-protokoll ta' komunikazzjoni.”